MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Numru. 1026/2003

**Artikoli 298C(1) tal-Kapitolu 9,**

**Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Avviz Legali 407/07**

**Att III tas-sena 2002**

**Att XXII tal-1994**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**GEORGE XUEREB**

**-OMISSIS-**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **GEORGE XUEREB** ta' 38 sena, bin Joseph u Mary nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-5 ta' Marzu, 1965 u residenti 14, Triq Santa Maria, Safi u detentur tal-karta tal-identita' numru 142365(M) u -**OMISSIS-** gew imressqa quddiemha u akkuzati talli:

Fis-6 ta' Dicembru, 2003, u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda rcevew minn xi hadd iehor u cjoe' Maria Fatima Mifsud, Victoria Sciortino, Carmel Mifsud, Grace Grech, Lorraine Attard u Ali Alfred Mouldi jew

kisbu minn ghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b'korrispittiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi

Fl-istess cirkustanzi minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamlu kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenza mill-Awtorita' kompetenti u cioe' selfu flus bl-imghax lil Maria Fatima Mifsud, Victoria Sciortino, Carmel Mifsud, Grace Grech, Lorraine Attard u Ali Alfred Mouldi.

Fl-istess cirkustanzi kisru jew naqsu li jharsu xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att XXII ta' 1994, jew xjentement kienu parti fl-ghemil, jew ipprokuraw jew ghenu jew hajru l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji billi selfu flus bl-imghax lil Maria Fatima Mifsud, Victoria Sciortino, Carmel Mifsud, Grace Grech, Lorraine Attard u Ali Alfred Mouldi.

Talli fl-istess cirkustanzi, ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Maria Fatima Mifsud u ohrajn.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li jinsab a fol. 3 u fedina penali li tinsab a fol. 5 et seq.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 9 ta' Gunju, 2014 u dakinhar deher l-imputat assistit u talab differiment sabiex jirregola ruhu u l-kawza giet differita ghas-27 ta' Gunju 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2014 u fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu Dr Raphael Fenech Adami u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2014.

Il-Qorti qieset il-fatt illi dan ir-reat sehh fis-sena 2003 meta dak iz-zmien ir-reat ta' uzura ghadu ma kienx jifforma parti mil-ligi tal-pajjiz ghalkemm f'dan il-kaz l-imputat George Xuereb ircieva xi pagamenti wara illi giet introdotta fis-sistema nostrana.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 298C(1) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63, tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 407/07, l-Att III tas-sena 2002**

**U l-Att XXII tal-1994 il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat GEORGE XUEREB hati tal-akkuzi u tikkundannah multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000) liema multa ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' tliet mija u sittin ewro (€360) ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ewwel pagament huwa dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju 2014.**

**Il-Qorti rat l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fl-inkjesta li nzammet mill-Magistrat Dr Miriam Hayman b'mod partikolari dwar l-ispiza tal-espert Martin Bajada fl-ammont ta' erba' mija u tmenin ewro u sbatax-il centezmu (€480.17) (Dok. MB a fol 167) jithallsu mill-imputat.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u dan bil-ghan li jigbor l-ispejjez appena msemmija.**

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------